*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 11– 15 ta' Jannar 2025**

***Minuti tal-ħdax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-15 ta' Jannar 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta u nofs ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 11. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

11.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li bħal kumplament tal-membri preżenti jinsab ixxukjat bil-mewt tal-Kunsillier Godwin Grech. Huwa ppropona li tinżamm minuta silenzju għall-memorja ta' Godwin Grech. Il-Kunsill żamm minuta silenzju.

Il-Kunsillier George Cortis qal li Godwin Grech kien persuna ta' valuri soda. Huwa bħala qarib irringrazzja lill-Kunsilliera u lill-istaff, liż-żewġ partiti politiċi, lill-każini tal-festa, u lil kull min b'xi mod wera s-sogħba tiegħu.

Sadanittant is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li kien hemm tlett nomini għall-post vakant tal-ex-Kunsillier Godwin Grech.

Il-minuti tal-għaxar laqgħa ġew imressqa għall-approvazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Kunsillier George Cortis, il-minuti laqgħa ġew approvati unanimament.

11.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Steve Zammit Lupi ta rendikont ta' xi xogħlijiet fosthom:

a. Kien hemm rispons tajjeb ħafna fl-attivitajiet tal-Milied. Anke l-ikla li saret nhar il-Milied kienet ta' suċċess kbir. Nirsistu sabiex il-Milied li ġej ikun hemm aktar mpenn.
b. Il-ġardinar li ġie impjegat beda jaħdem u r-riżultati ġa bdew jidhru. L-ewwel prijorita qed tingħata lix-xogħlijiet li waqgħu lura.
c. Qed isiru xogħlijiet infrastrutturali mill-Enemalta sabiex jingħaddew servizzi ġodda . Ser ikun affetwat il-monti. Qed jintraġaw ukoll it-trinek li saru f'Mikielanġ Sapiano.
d. Infetaħ il-group channel fejn qed jingħataw avviżi mill-Kunsill.
e. Persuna volontarjament offriet li tirrestawra il-Madonna li tinsab fi Triq Paris.
f. Bdew jitweħħlu CCTV cameras fi Ġnien it-Tfulija u fil-ġnien tal-Grazzja, u ser jinxtraw żewġ monitors u li juru x'qed jiġbdu il-cameras. Barra minn hekk tweħħlu 3 kameras oħra Ħal Mula, Triq tal-Lhudi u n-Niżla ta' Ħ'Attard.
g. Alf. Mizzi Foundation qed tissponsorja xkejjer tal-ilma għall-konok tas-siġar fi Triq Luigi Fontana, u Triq Giovanni Pullicino. Taw ukoll fondi sabiex isiru tabelli edukattivi fil-widien.
h. Meħtieġ li jsir tindif f'Wied Ħesri u bi ftit interventi żgħar isir tindif bażiku imma li jirranġa ħafna mis-sitwazzjoni.
i. Trid issir laqgħa għar-residenti fejn ikun ikkomunikat il-budget u proġetti li għaddej ix-xogħol fuqhom.
j. Saret talba lill-IM sabiex isir il-wiċċ ta' Triq Philip Said.
k. Il-wirja tal-għasafar li saret l-iskola, marret tajjeb u r-rebbieħa ser ikunu mħabbra aktar tard.
l. Ix-xogħol flok il-latrina l-antika ser jibda dalwaqt fejn ser isir ġibjun u spazju miftuħ.
m. Id-dawl ta' Bieb de Rohan huwa ordnat u għandu jasal lejn nofs Frar.

n. Ser jinħareġ it-tender għall-Embellishment taz-zona tal-Housing Estate ta’ Ħal Mula fejn ser jitranġaw ċnut u dehra ġenerali.

11.3 Palazz tal-Baruni

Is-Sindku Steve Zammit Lupi semma kif kemm-il darba il-Gvern intalab biex jixtri dan il-patrimonju Żebbuġi. Il-prezz mitlub mill-bejjiegħa huwa ta’ madwar sitt miljuni li għalkemm jidhru raġonevoli, wieħed irid iqis il-manutenzjoni estensiva li trid issir u li tqum miljuni oħra. Saret l-open day biex ssir aktar pressjoni fejn anke inġabru petizzjonijiet li ġew preżentati lill-Gvern u anke fl-open Day ġew mistiedna Ministri fosthom dawk li jiffurmaw parti mis-Seba’ Distrett.

Is-sid wera l-interess ukoll li jbiegħ parti mill-ġnien (tlett tomniet u nofs) għal Eur1.2M u l-Kappella tal-Abbandunati bil-bini ta warajha għal Eur1.5M. Il-prezz totali huwa ta Eur2.7M. Is-Sindku Steve Zammit Lupi iltaqa mal-Ministru Owen Bonnici aktar minn darba dwar dan is-suġġett fejn ġie mitlub li ssir ittra uffiċjali lill-Ministru bit-talba li qed issir f’isem il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier Mario Attard ġie maqbul unanimament li ssir din it-talba bil-miktub lill-Ministru Owen Bonnici.

11.4 Tender Latrina & Librerija Phase 2

Is-Sindku Steve Zammit Lupi spjega kif issa jeħtieġ li jinħareġ tender ieħor għal-Phase 2 tal-Latrina u Librerija fejn ser ikun hemm il-finishes kollha. L-istima hija ta Eur110,000 Vat inkluża. Kien hemm spjegazzjoni iddettaljata mid-Designer tal-kumpanija Med Design fejn kull kunsillier kellu l-opportunita li jsaqsi dwar il-proġett.

Kien hemm qbil unanimu li dan it-tender jiġi ppublikat.

11.5 Restawr tal-iStatwa tal-Madonna tar-Ruzarju Ħal-Dwieli

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju apparti li għandha bzonn restawr imminenti, kien hemm ukoll dak l-incident li wettaq ħsarat fit-tarmac. Huwa beħsiebu japplika għall-fondi għar-restawr ta’ din l-istatwa meta dawn jinħarġu pero l-ewwel trid issir applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar, sabiex din tkun bil-lest. L-istima għal dan ir-restawr huwa ta’ Eur20,000. Kien hemm qbil unanimu li ssir din l-applikazzjoni.

Sadanittant il-Kunsillier George Cortis offra li jagħmel il-manutenzjoni tal-pedestall tal-istatwa ta’ San Pawl, bl-ispejjeż tal-materjal għall-Kunsill.

11.6 Kunsill tat-Tfal - Proġett Play Streets

Għal din il-laqgħa kien mistieden il-Kunsill tat-Tfal. Attenda għal din il-laqgħa il-ġuvnott Giuseppe Saliba. Huwa tkellem dwar rotational playstreets, fejn it-tfal ikollhom l-opportunita

li jilagħbu fit-toroq fiz-zoni kollha ta' Ħaż-Żebbuġ. Dawn l-attivitajiet isiru s-Sibt wara Nofsinhar. Il-kunsill jieħu ħsieb jaqla l-uffiċjali tat-traffiku. Il-kunsill faħħar din l-inizzjattiva u ħeġġeġ lil Giuseppe jibqa jagħti sehmu.

11.7 Attivitajiet kulturali u sportivi Jannar - Ġunju

Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li dwar:

- Tellieqa organizzata miż-Żurrieq Wolves waħda ta' 5km u oħra 1km. Bħala ħlasijiet, il-Kunsill ser jieħu ħsieb il-medalji, it-timekeeper u l-uffiċjali tat-traffiku.
- Tellieqa oħra tar-Roti organizzata mll-Greens Club. Ġiet identifikata rotta ta 7km li ma tagħlaqx toroq arterjali. Din ser issir fit-13 ta' April. Il-Wurth ser jagħti sponsor ta Eur 2000 u kull ċiklist ser jħallas Eur20.
- Sadanittant il-Club Mosta Cycling ser jorganizzaw tellieqa li tgħaddi minn Ħaż-Żebbuġ fit-23 ta' Marzu 2025 u l-Federazzjoni tar-Roti ser jagħmlu tellieqa oħra fis-26 t'April 2025.
- Mil-lat kulturali, qed issir laqgħa kull xahrejn mal-għaqdiet, fejn ġie deċiż ser issir pjazza pedonali fit- 30 ta' Marzu, 1 ta' Mejju u fir-28 ta' Ġunju, fejn dakinhar ser isiru ikliet mill-każini.
- Ser isiru żewġ ħarġiet għall-anzjani fis-7 ta' Frar u fis-7 ta' Marzu
- Huwa pjanat ukoll li ssir day trip għal Sqallija.

11.8 Performance Bonus Ħaddiema

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati kollha tal-Kunsill jingħatghu il-massimu tal-persentaġġ fil-kriterji tagħhom.

11.9 Vot tal-Flus

Sadanittant tressaq il-vot tal-flus għall-approvazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Kunsillier Ayrton Mizzi, il-vot tal-flus ġie approvat unanimament.

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li għandu jinħareġ tender għall-kiri ta' garaxx temporanju meta jkun għaddej ix-xogħol fuq il-binja tal-Kunsill. Semma wkoll li qed isiru ir-riċerki biex issir bye-law dwar reklamar.

10.11 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:15pm.

**Steve Zammit Lupi** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**